# Kif titghallem kif tirrispetta lilek innifsek 15/12/2005

Il–ġlieda bejn dawk li jpejpu u dawk li ma jpejpux hija dejjem aktar ovvja f´ċerti postijiet. Kulhadd ghadda minn esperjenza simili! F´post pubbliku, jew fuq il–post tax–xoghol, mhix rari li tkun xhud ta´ din ir–rivalità.

Dawk li jpejpu jhossuhom imwarrba; ghandhom l–impressjoni li l– **libertà** taghhom hija **iddisprezzata** .

Filwaqt li ghal dawk li ma jpejpux, hekk kif ixommu r–riha tat–tabakk, huma wkoll ihossu li l–libertà taghhom mhix rispettata.

Hija l–libertà li tpejjep kontra l–libertà li ma timteliex bid–duhhan!Huwa diffiċli li jintlahaq kompromess jekk m´hemmx ammont minimu ta´ **rispett, korteżija** u **filosofija ta´ ghix u halli lil min jghix** .

Madankollu, jekk minkejja rieda tajba ovvja, dawk li jpejpu u dawk li ma jpejpux ma jaqblux, tinsiex li hemm liġijiet u miżuri preċiżi hafna li jimponu r–rispett ghal dawk li ma jpejpux f´postijiet pubbliċi u fuq il–post tax–xoghol. Dawn il–liġijiet m´ghandhomx rwol punittiv iżda huma parti minn programm ġenwin ghall-protezzjoni tas–sahha pubblika.

**Dawk li jpejpu u dawk li ma jpejpux ghandhom ikunu jafu kif juru tolleranza u rispett reċiproku. Jeżistu li ġijiet stretti hafna sabiex jipproteġu lil dawk li ma jpejpux minn duhhan passiv.**